# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 122/13/1 JRM**

**Adrian Galdes**

**v.**

**Duncan Sarcia**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Marzu, 2021 dwar inċident tat-traffiku, li seħħ fis-6 ta' Ottubru, 2011, fi Triq Ħal Luqa ġewwa Ħal Qormi bejn il-vettura bir-reġistrazzjoni numru ZAG189, misjuqa mill-konvenut Duncan Sarcia u l-mutur bir-reġistrazzjoni numru HAU 071 misjuq mill-attur Adrian Galdes. L-Ewwel

Qorti filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-6 ta' Frar, 2013, l-attur fisser kif fis-6 ta' Ottubru, 2011, għall-ħabta tas-sebgħa nieqes għaxar minuti ta' filgħodu (6.50am), seħħ inċident tat-traffiku fi Triq Ħal Luqa ġewwa Ħal Qormi, meta l-karozza misjuqa mill-konvenut Duncan Sarcia, ħabtet mal-mutur misjuq mill-imsemmi attur Adrian Galdes.

3. L-attur jgħid li b'konsegwenza ta' dan l-inċident huwa korra b'mod gravi, tant li ġie ċċertifikat li qiegħed isofri minn diżabbiltà permanenti, fir-rata ta' tmienja fil-mija (8%).

4. L-istess attur isostni li l-konvenut jaħti għal dan l-inċident u għad-danni li rriżultaw u dan minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti. Jissokta jgħid li b'konsegwenza ta' dan l-inċident huwa ġarrab danni fil-forma ta' *damnum emergens* fl-ammont ta' €16,746.94, kif ukoll *lucrum cessans*.

5. Jissokta jgħid li huwa għalxejn sejjaħ lill-konvenut sabiex jagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minnu, u kien għalhekk li kellha ssir din il-kawża fejn l-attur talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara lill-intimat Duncan Sarcia unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab ir-rikorrent;*
>
> *2. Tillikwida d-damnum emergens tar-rikorrent fl-ammont ta' sittax-il elf seba' mija sitta u erbgħin ewro erbgħa u disgħin ċenteżmu (€16,746.94) kif fuq spjegat;*
>
> *3. Tillikwida d-danni l-oħra, tar-rikorrent konsistenti fi spejjeż rikorrenti u lucrum cessans naxxenti mid-diżabbiltà permanenti riskontrata u aċċertata, occorrendo bl-opra ta' perit nominandi; u*
>
> *4. Tikkundanna lill-intimat Duncan Sarcia sabiex iħallas lir-rikorrent dawk l-ammonti kollha li jiġu dikjarati bħala dovuti minnu lir-rikorrenti in linea ta' danni.»*

6. Talab ukoll l-ispejjeż, magħduda dawk tal-ittri uffiċjali, flimkien mal-imgħax legali fuq id-*damnum emergens* b'seħħ mill-11 ta' Jannar, 2013 sal-jum tal-ħlas effettiv.

7. Il-konvenut Duncan Sarcia ressaq tweġiba maħlufa fil-15 ta' April, 2013, u eċċepixxa:

> *«1. Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar is-6 ta' Ottubru, 2011 ġewwa Triq Ħal Luqa, Qormi, u illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ZAG 189 misjuqa mill-eċċipjenti u l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni HAU 071 misjuq mill-attur;*
>
> *2. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi assolutament mhux minnu li l-eċċipjenti kien b'xi mod jaħti għall-inċident de quo, u dan kif jista' jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*3. Illi inoltre, mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, l-attur għandu jġib l-aħjar prova tad-danni effettivi u attwali allegati u reklamati minnu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

8. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ċaħdet it-talbiet attriċi, kif ukoll ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

*«Illi din hija azzjoni ta' danni mġarrba b'riżultat ta' inċident f'ħabta bejn żewġ vetturi fuq it-triq. L-attur jgħid li kien qed isuq fuq in-naħa ta' barra tal-karreġġata meta ħabta u sabta l-imħarrek qala' 'l barra minn postu u laqat il-mutur u waqqa' lill-attur minn fuqu u dan ġarrab ġrieħi f'riġlejh. L-attur irid li l-imħarrek jitqies ħati waħdu għall-ħabta u biex jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab, minħabba li l-ġrieħi ħallewlu debilità li ma tfiqx;*

*Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek jgħid li ma kien jaħti bl-ebda mod għall-ħabta għaliex il-karozzi kienu weqfin fit-traffiku u, billi kellu l-ħsieb li jaqleb għan-naħa l-oħra tat-triq biex jidħol ġo triq sekondarja, ħareġ minn postu, u wara li uża l-għaqal mistenni minnu bħala sewwieq f'dik iċ-ċirkostanza, sab lill-attur ma' ġenbu għall-għarrieda. Jgħid għaldaqstant li m'għandu l-ebda ħtija u wisq anqas li jintalab jagħmel tajjeb għall-ebda danni pretiżi mill-attur;*

*Illi bħala <u>fatti relevanti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u>, joħroġ li nhar is-6 ta' Ottubru, 2011, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin għaxra ta' filgħodu, Adrian Galdes kien qed isuq il-mutur tal-għamla Yamaha TT250R bin-numru ta' reġistrazzjoni HAU-071, fi Triq Ħal Luqa f'Ħal Qormi sejjer lejn Ħal Luqa filwaqt li l-imħarrek Duncan Sarcia kien qed isuq karozza tal-għamla Mini Cooper S bin-numru tar-reġistrazzjoni ZAG-189 fl-istess triq u fl-istess direzzjoni lejn Ħal Luqa, iżda bil-ħsieb li jaqleb fuq il-lemin tiegħu u jidħol fi Triq il-Qasam Sperimentali[1] (fl-inħawi ta' Ħal Farruġ);*

[1] *Dok. "NT1" f'paġġ. 71 – 9 tal-proċess.*

*Illi jirriżulta li, dak il-ħin, il-karozzi sejrin fid-direzzjoni ta' Ħal Qormi kienu mexjin bil-mod f'serbut wara xulxin minħabba traffiku li kien hemm fl-inħawi. Meta l-vetturi waqfu għal kollox, l-attur qabeż minn wara l-vettura ta' quddiemu u beda jsuq parallel mal-vetturi l-oħra fuq in-naħa ta' barra tal-karreġġata viċin il-linja li tifred iż-żewġ karreġġati ta' Triq Ħal Luqa. L-attur jgħid li kien qed isuq bilkemm jitħarrek meta, ħabta u sabta, sab fuqu l-karozza misjuqa mill-imħarrek li ħarġet ukoll mis-serbut ta' karozzi li kienu telgħin lejn Ħal Luqa. Huwa żied jgħid li l-vettura misjuqa mill-imħarrek laqtitlu f'siequ x-xellugija, il-mutur ħareġ minn taħtu u spiċċa mtajjar għan-naħa l-oħra tat-triq[2];*

*Illi, min naħa l-oħra, l-imħarrek jgħid li huwa minnu li resaq 'il barra bil-ħsieb li jaqsam il-linja tan-nofs t-triq u jidħol ġo triq sekondarja, iżda qal li qabel m'għamel dan ra li ma kien ġej ħadd la minn faċċata u lanqas minn warajh u xegħel l-indicator. Jgħid li l-preżenza tal-attur ħasditu u l-karozza tiegħu ntlaqtet mill-mutur misjuq mill-attur hu u jaqbiżha[3];*

*Illi fil-parti tat-triq fejn seħħet il-ħabta t-triq hija għat-telgħa għal min kien qiegħed isuq fid-direzzjoni li kienu sejrin fiha l-partijiet fil-kawża. Il-linja fit-triq li tifred iż-żewġ karreġġati opposti kienet linja kontinwa[4], għalkemm l-imħarrek jgħid li quddiem it-triq sekondarja li ried jidħol fiha f'dik il-parti (Triq il-Qasam Sperimentali), il-linja hija maqtugħa biex traffiku minn Triq Ħal Luqa għal ġo dik it-triq ikun jista' jaqsam minn korsija għal oħra biex jidħol. Minn dakinhar tal-inċident, saru bidliet f'dik il-parti tat-triq;*

*Illi kemm il-mutur[5] misjuq mill-attur u kif ukoll il-vettura misjuqa mill-imħarrek ġarrbu ħsarat;*

*Illi bid-daqqa l-attur ma setax iqum fuq saqajh u ttieħed l-isptar u ġie ċċertifikat li ġarrab ġrieħi ta' natura gravi u saritlu operazzjoni f'siequ x-xellugija billi kellu ksur fil-ġog u fil-qasba tas-sieq. Minkejja li l-attur ħareġ mill-isptar ftit ta' jiem biss wara l-inċident, kien meħtieġ li jattendi għall-kura medika u fiżjoterapija minħabba ġrieħi mġarrba[6]. Fiż-żmien tal-inċident, kien jaħdem ma' kumpannija fil-qasam tal-bini u, wara l-inċident, qatta' bosta xhur ma jistax imur għax-xogħol[7]. Huwa ġie*

---

[2] *Ara l-affidavit tal-attur Dok "AGG" f'paġġ. 46 u 47 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "NT1" f'paġ. 79 tal-proċess.*
[3] *Affidavit tal-imħarrek f'paġġ. 147 – 8 tal-proċess. Ara wkoll ir-Road Traffic Accident Report f'paġ. 72 tal-proċess.*
[4] *Ara x-xhieda tal-imħarrek mogħtija fil-kontroeżami f'paġ. 155 tal-proċess u dik ta' PS Noel Tanti f'paġġ. 64 – 5 tal-proċess.*
[5] *Dok. "AZM6" f'paġ. 29 tal-proċess.*
[6] *Dokti. "AZM2" u "RGG" f'paġġ. 25 u 143 tal-proċess.*
[7] *Ara x-xhieda ta' Joseph Saliba f'paġġ. 93 sa 95 tal-proċess u ta' Angelo Attard f'paġġ. 96 sa 98 tal-proċess, Dok. "JS1" u Dok. "JS2" f'paġ. 103 sa paġ. 105 tal-proċess, u Dok. "AA1" sa Dok. "AA3" f'paġ. 106 sa paġ 108 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "AZM7" sa Dok. "AZM12" f'paġ. 30 sa paġ. 35 tal-proċess u Dok. "FD1" f'paġġ 136 sa Dok. "FT2" f'paġ. 141 tal-proċess.*

*ċċertifikat li jbati minn diżabilità li ma tgħaddix ta' tmienja fil-mija (8%)[8]. Dakinhar tal-inċident, l-attur kellu tnejn u tletin (32) sena;*

*Illi fid-19 ta' Diċembru, 2012[9], l-attur interpella lill-imħarrek u lill-kumpannija assikuratriċi tiegħu sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni marbuta ma' dan l-inċident[10];*

*Illi fil-11 ta' Jannar, 2013[11], l-attur interpella uffiċjalment lill-imħarrek u lill-kumpannija assikuratriċi tiegħu għall-istess għan;*

*Illi fis-6 ta' Frar, 2013, infetħet din il-kawża;*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonjiet ta' dritt marbuta mal-każ, il-Qorti tagħraf li d-dinamika tal-ħabta ma jidhirx li hija f'dubju. Il-verżjoni tal-partijiet ma taqbilx fuq xi dettalji, iżda t-tnejn li huma jagħrfu li kienu sejrin fl-istess direzzjoni u kienu fuq l-istess karreġġata tat-triq. Il-punt li l-partijiet ma jaqblux dwaru huwa x'manuvri għamlu t-tnejn li huma li wasslu għall-ħabta. Huwa dwar dan li l-Qorti sejra sewwasew tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha aktar 'il quddiem;*

*Illi l-ħabta saret fi triq ewlenija meta l-imħarrek ittanta jaqsam fil-karreġġata l-oħra biex jidħol fi triq sekondarja li tinsab fuq in-naħa l-oħra mnejn kien għaddej u f'mument meta l-vetturi f'serbut kienu weqfin għal kollox minħabba l-volum tat-traffiku. Fl-istess waqt, l-attur qala' minn postu u saq bil-mutur 'il fuq matul is-serbut tal-vetturi weqfin u fuq in-naħa tal-lemin tas-serbut u qrib il-linja tan-nofs tat-triq;*

*Illi l-attur jixli lill-imħarrek bil-ħtija waħdanija għall-ħabta, filwaqt li l-imħarrek jilqa' billi jgħid qagħad b'seba' għajnejn kif jagħmel il-manuvra tal-qsim u uża l-għaqal mistenni minnu u li kien l-attur li wettaq manuvra li qegħditu f'periklu;*

*Illi hija regola ġenerali fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbiltà f'ħabta, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri (a) li jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u (b) li jżomm attenzjoni (proper look-out) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[12]. Naturalment, meta wieħed jiltaqa' ma' ċirkostanza fejn it-toroq ikollhom siwi mhux l-istess, tiżdied fuq is-sewwieq li jkun fuq it-triq l-anqas importanti responsabbiltà akbar fil-konfront ta' sewwieq fuq triq aktar importanti. Fil-każ tal-lum, iż-żewġ sewwieqa kienu t-tnejn qegħdin fuq l-istess triq (ewlenija), iżda l-imħarrek kien fi ħsiebu jidħol fi triq*

---

[8] *Ara Dok. "AG2" f'paġġ. 11 – 3 tal-proċess.*

[9] *Dok. "ASM13" f'paġ. 36.*

[10] *Għar-rigward ta' danni mġarrba ara fost oħrajn Dok. "AZM1" f'paġ. 24 tal-proċess, Dok. "AZM3" sa Dok. "AZM5" f'paġ. 26 sa paġ. 28 tal-proċess.*

[11] *Dok. "AZM14" f'paġġ. 37 sa 38 tal-proċess.*

[12] *Ara, pereżempju, P.A. RCP* ***26.4.2001*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenżuli*** *(mhix pubblikata) [Ċit. 427/97] u P.A. PS* ***21.10.2002*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** *(mhix pubblikata) [Ċit. 1246/92].*

*sekondarja għaliha billi jdur lejn il-lemin tagħha, bl-attur ġej minn warajh;*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-manuvra ta' tidwir lejn il-lemin huwa prinċipju aċċettat li, ladarba s'issa s-sewqan f'Malta suppost iżomm fuq il-korsija tax-xellug, sewwieq li jkun sejjer idur lejn il-lemin tiegħu ikun ifisser li sejjer jaqsam il-korsija li fuqha jkun ġej it-traffiku mid-direzzjoni opposta. Dan jagħmel tali manuvra waħda li tgħabbi lil tali sewwieq b'ċertu riskju u jitfa' fuqu wkoll dmirijiet[13]. Fost dawn, hemm id-dmir li jqis li ma jibdiex tali manuvra qabel ma jkun aċċerta ruħu li matul il-proċess kollu ma jkun ta' l-ebda xkiel għat-traffiku li ġej minn faċċata[14]. Sewwieq li jkollu f'moħħu li jdur lejn il-lemin, irid jagħmel sinjal xieraq u minn qabel li fi ħsiebu jdur lejn il-lemin b'mod li t-traffiku li jkun isegwih u dak li ġej minn faċċata jintebaħ bil-manuvra maħsuba, jieħu postu lejn in-nofs tat-triq, u jistenna l-waqt xieraq biex jaqsam il-karreġġata tat-traffiku li ġej minn faċċata[15]. Fuq kollox, irid joqgħod b'seba' għajnejn li ma jagħmel l-ebda kalkoli azzardati li bihom jista' joħloq xkiel għat-traffiku li jkun ġej mill-faċċata[16];*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-manuvra ta' bdil tal-karreġġata, ir-regola ewlenija hi li manuvra bħal din ukoll titlob attenzjoni speċjali mis-sewwieq li jkollu f'moħħu li jaqleb minn korsija għal oħra, l-iżjed jekk dan il-qlib ikun minn korsija li hija fuq in-naħa ta' ġewwa għal oħra aktar lejn in-nofs tat-triq. Din l-attenzjoni meħtieġa tissarraf filli s-sewwieq irid iqis sewwa dak kollu li jkun iseħħ madwaru u li ma jagħmel xejn li bih jaħsad lis-sewwieqa li jkunu qegħdin isuqu qribu jew warajh[17];*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-**ħtija tal-ħabta**, ir-rimedju li qed ifittex l-attur huwa dak li joħrog mid-delitt jew kważi-delitt li jorbot lil kull persuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri bl-għemil (jew nuqqas ta' għemil) tagħha[18]. Il-ligi teħles mir-responsabbiltà ta' xi għemil li jġib il-ħsara, dak kollu li jseħħ minħabba aċċident jew minħabba forza maġġuri[19]. Madanakollu, ma jitqiesx li jkun seħħ b'aċċident dak li jiġri mill-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem[20] u li, fuq kollox, ikun imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju[21] jew, għal anqas, jista' jigi evitat[22]. Min-naħa l-oħra, il-fatt li jitnissel minn forza maġġuri huwa li l-ġrajja tiegħu ma jista' jiqfilha ħadd[23];*

---

[13] *P.A. RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Sandra Bartolo vs Joseph Farruġia.***
[14] *App. Ċiv. Inf. **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Carmel Vassallo vs Andrew Portelli.***
[15] *P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Hugh P. Żammit noe vs Anġelo Abela.***
[16] *P.A. GCD **7.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Agency Ltd noe et vs Salvu Schembri.***
[17] *App. Inf. **9.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet **Matthew Brincat vs Pio LeBrun.***
[18] *Art. 1031 tal-Kap. 16.*
[19] *Art. 1029 tal-Kap. 16.*
[20] *P.A. **17.5.1902** fil-kawża fl-ismijiet **Fenech noe vs Gatt noe et** (Kollez. **Vol: XVIII.ii.164**).*
[21] *App. Ċiv. **16.11.1942** fil-kawża fl-ismijiet **Raymond noe vs Busuttil pro et noe** (Kollez. **Vol: XXX1.i.554**).*
[22] *App. Ċiv. **14.1.1919** fil-kawża fl-ismijiet **Azzopardi vs Arcicovich et** (Kollez. Vol: **XXIV.i.172**).*
[23] *App. Ċiv. **7.6.1940** fl-kawża fl-ismijiet **Borg Falzon pro et vs Darmanin pro et noe** (Kollez. Vol: **XX.i.869**).*

*Illi meta l-parti mixlija bi ħsara tgħid li ma kinitx taħti minħabba l-aċċident, jaqa' fuqha l-piż li tipprova dawn iċ-ċirkostanzi. F'dan ir-rigward, l-imħarrek jistrieħ fuq ir-rapport tal-aċċident u l-qagħda li fiha spiċċaw il-vetturi skond kif jirriżulta mill-iskizz tal-Pulizija, bil-għan li jagħti interpretazzjoni tal-veloċità li l-attur seta' kien għaddej biha qabel seħħet il-ħabta, kif ukoll fuq ir-regoli tat-traffiku li jorbtu lil sewwieq f'każ li t-traffiku jkun miżmum[24];*

*Illi, min-naħa l-oħra, huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt, li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[25] L-attur dan jagħmlu billi jistrieħ fuq ix-xhieda tal-uffiċjal tal-pulizija li żar is-sit tal-inċident u l-fatt li l-imħarrek ittanta jaqbeż għan-naħa l-oħra tat-triq meta dan kien projbit li dan jagħmlu[26];*

*Illi għandu jingħad li meta l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset mill-obbligu li tipprova l-premessi għat-talbiet tagħha, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil parti attriċi milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[27]. Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[28] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[29];*

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-argument tal-attur hu li l-imħarrek wettaq il-manuvra bla ma qagħad attent għal dak li kien qed jiġri madwaru, filwaqt li l-argument tal-imħarrek hu li l-attur kien qiegħed jaqla' t-traffiku b'ħeffa żejda u b'hekk ma kienx jista' jkun f'kontroll ta' dak li kien qed jiġri;*

*Illi huwa miżmum li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonjiet għalkollox kunfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, bħal ma huwa f'dan il-każ, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li onus incumbit ei qui dixit[30] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li actore non probante reus absolvitur.[31] Iżda, hawn ukoll, mhux kull kunflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis*

[24] *Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek f'paġ. 186 u paġ. 190 tal-proċess.*
[25] *App. Inf. JSP* ***12.1.2001*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca.***
[26] *Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 168 sa paġ. 171 tal-proċess.*
[27] *App. Inf. PS* ***7.5.2010*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil.***
[28] *Art. 562 tal-Kap 12.*
[29] *Art. 559 tal-Kap 12.*
[30] *P.A. NC* ***28.4.2004*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et.***
[31] *P.A. LFS* ***18.5.2009*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd.***

*jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra*[32]*;*

*Illi mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti, jirriżulta li filwaqt li l-imħarrek ittanta jaqsam il-karreġġata li kien fuqha biex jidħol fi triq sekondarja fuq in-naħa l-oħra tat-triq, l-attur qala' minn wara vetturi li kienu wieqfa u saq tul is-serbut ta' karozzi weqfin sakemm intlaqat mill-imħarrek li ħareġ minn ġo postu. L-obbligu tal-attur li jipprova x-xiljiet tiegħu, iridu jitqiesu fid-dawl tal-obbligu wkoll li huwa għandu wkoll bħala sewwieq fit-triq. Hawnhekk fejn l-imħarrek jieħu vantaġġ fuq l-attur u jixli lill-attur bi ksur tar-regoli tat-triq. Jekk il-manuvra tal-attur setgħetx issir, hija l-qofol tal-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha;*

*Illi huwa miżmum li kull sewwieq jeħtieġlu jikkoordina s-sewqan tiegħu ma' dak ta' traffiku ieħor li jkun fl-inħawi*[33]*. Il-fatt waħdu li sewwieq ikun jinsab fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, ma huwiex fattur deċiżiv ta' ħtija ta' dak is-sewwieq*[34]*;*

*Illi, madankollu, l-attur kien qiegħed jagħmel manuvra ta' sorpass. Issa huwa aċċettat li manuvra ta' sorpass, waħedha, hija manuvra leġittima u mhix ksur tar-regolamenti tas-sewqan*[35]*, u l-fatt li min ikun qiegħed jaqbeż karozza oħra sejra fl-istess direzzjoni jaqbeż ukoll il-linja tan-nofs tat-triq jew jidħol f'karreġġata oħra mhux element, fih innifsu, li jgħabbi lil min jagħżel dik il-manuvra bil-ħtija ta' inċident*[36]*. Madankollu, il-manuvra tas-sorpass trid issir b'reqqa*[37] *u kawtela b'mod li min jagħżel li jipprova jaqbeż karozza jew vettura oħra, irid jieħu qies tal-possibilità li l-vettura l-maqbuża tista' tibdel ir-rotta. F'każ bħal dan, jaqa' fuq is-sewwieq tal-vettura li qiegħda taqla' l-piż li jipprova li s-sewwieq tal-vettura l-maqbuża kien negliġenti fil-mod kif bidel ir-rotta;*

*Illi r-regolament 184 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq (maħruġ fl-2001) jipprovdi li m'għandu jsir l-ebda sorpass fejn triq tiltaqa' ma' oħra jew f'salib it-toroq*[38]*. Il-ħabta mertu ta' din il-kawża seħħet sewwasew f'medda ta' triq li tgħaqqad triq ewlenija ma' oħra sekondarja li toħroġ minnha;*

*Illi jibqa' dejjem jipprevali l-prinċipju li, fejn hemm dubju, wieħed m'għandux jaqbeż vettura oħra jekk ma jkunx ċert li jista' jagħmel dik il-manuvra bla ħsara għalih innifsu u għal ħaddieħor*[39]*;*

---

[32] *P.A. PS* ***28.4.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe** *(konfermata fl-Appell 19.6.2006).*
[33] *App. Inf.* ***16.12.2002*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Gasan Insurance Agency Ltd vs Francis Falzon.**
[34] *P.A. PS* ***31.1.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Anthony Schembri vs Isabel Bajada** *(mhix appellata).*
[35] *Regolament 63 tal-M.V.R.*
[36] *App. Ċiv.* ***5.10.1998*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Dobler vs Caruana** *(Kollez. Vol: LXXXII.ii.514).*
[37] *P.A. GCD* ***31.10.2002*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Sultana Bros. Transport Ltd. vs Sabrina Cauchi et.**
[38] *P.A. GCD* ***15.3.2002*** *fil-kawża fl-ismijiet* **John Pisani vs Maurice Żammit.**
[39] *P.A. GV* ***13.10.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Michael Grech vs Malcolm Woolsey.**

*Illi l-imsemmi Kodiċi jorbot lil sewwieqa, magħduda s-sewwieqa ta' muturi[40], sabiex jużaw l-prudenza meħtieġa waqt is-sewqan. Fost ir-regoli imposti, sewwieq ma jistax jaqbeż linja bajda kontinwa[41]. Fi traffiku għaddej bil-mod, sewwieq m'għandux jibdel il-mogħdija għal fuq ix-xellug biex jaqla'[42], filwaqt li meta t-traffiku jkun miżmum, sewwieq m'għandux jaqbeż il-queue billi jidħol f'mogħdija oħra jew billi jaqla' vetturi li jkunu jistennew quddiemu[43];*

*Illi meta l-Qorti tqis il-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża u r-regoli msemmija, hija tasal għall-fehma li l-attur qiegħed lilu nnifsu fil-periklu meta kiser ir-regoli tat-traffiku billi qabeż is-serbut ta' karozzi weqfin li kienu quddiemu u saq mal-ġenb tagħhom, minkejja li baqa' jsuq fl-istess karreġġata.*

*Hemm ukoll il-fattur li, minn dak li joħroġ mill-provi dokumentali, l-attur ma setax ma kienx 'il barra mil-linja tan-nofs tat-triq hu u jagħmel il-manuvra tas-sorpass. Din il-kostatazzjoni toħroġ mill-fatt li ladarba l-vettura misjuqa mill-imħarrek tidher li kienet sewwasew fuq il-crown of the road u xi ftit 'il barra minnha wkoll meta seħħet il-ħabta, ma jistax ikun li l-attur li kien qed jaqla' min-naħa tal-lemin tas-serbut ma kienx 'il barra aktar minn hekk b'mod li kien fil-karreġġata li minnha kien jgħaddi t-traffiku li jkun nieżel fid-direzzjoni opposta. Il-ħsarat fuq iż-żewġ vetturi jixhdu dan;*

*Illi dan qiegħed jingħad b'żieda mal-fatt li, fejn seħħet il-ħabta, it-triq kienet għat-telgħa. Din il-kostatazzjoni titfa' wkoll dawl fuq id-dikjarazzjoni magħmula mill-attur li, x'ħin ħass il-weġgħa f'sieqU x-xellugija malli seħħet il-ħabta mal-karozza misjuqa mill-imħarrek, kien qiegħed isuq bl-għoxrin kilometru fis-siegħa (20 k.p.h.). Il-Qorti jidhrilha li ssibha bi tqila biex toqgħod fuq din id-dikjarazzjoni. Li kieku l-attur tassew kien qiegħed isuq b'dik il-veloċità, ma kienx jispiċċa bil-mutur 'il fuq minn fejn seħħet il-ħabta (kif fil-fatt ġara) ladarba t-triq kienet għat-telgħa, iżda kien jaqa' fejn ħabat. Fit-tieni lok, irriżulta wkoll li parti mit-tagħmir tal-mutur instab aktar 'il fuq fit-triq, liema ċirkostanza tixhed li l-impatt bejn il-vetturi seħħ meta l-mutur kien qiegħed jinsaq b'veloċità ogħla minn dik mistqarra mill-attur. Fit-tielet lok, il-fatt li l-attur iddikjara li ma ntebaħx bil-karozza misjuqa mill-imħarrek sakemm seħħet il-ħabta juri li sata' ma kienx konxju taċ-ċirkostanzi tal-inħawi u jwaqqa' l-allegazzjoni li l-imħarrek ma kienx tassew xegħel l-indicator jekk fl-istess waqt jgħid li ma kienx rah qabel seħħet il-ħabta;*

*Illi, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi jixħtu ħtija fuq l-attur għall-ħabta u ma tressqux provi tajbin biżżejjed min-naħa tiegħu biex juru li l-imħarrek wettaq xi manuvri li jistgħu jitfgħu fuqu wkoll xi sehem mill-ħtija għal dak li ġara;*

---

[40] *Parti IV tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq tapplika b'żieda mar-regoli l-oħra li jsegwu, inkluż għaldaqstant Parti VII li tittratta s-Sewwieq.*
[41] *Regoli 164 u 164 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq.*
[42] *Regola 190 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq.*
[43] *Regola 211 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq.*

*Illi fid-dawl ta' din il-konklużjoni, il-Qorti ssib li l-attur ma seħħlux juri li l-imħarrek kien jaħti għall-inċident u għalhekk l-ewwel talba tiegħu ma tirriżultax mistħoqqa u mhix se tintlaqa';*

*Illi ladarba l-ewwel talba mhix se tintlaqa', ma hemmx għalfejn li l-Qorti tistħarreġ it-talbiet l-oħrajn, li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;»*

10. Illi l-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tal-14 ta' April, 2021, li permezz tiegħu ressaq tliet aggravji: (i) li huwa ma kellux jinżamm responsabbli għall-inċident u ta r-raġunijiet għalfejn; (ii) li r-responsabbiltà ewlenija għall-inċident taħt eżami hija dik tal-konvenut appellat; u (iii) fl-agħar ipoteżi, l-attur kellu jinżamm responsabbli flimkien mal-konvenut li kkontribwixxa sabiex seħħ l-inċident.

11. Il-konvenut Duncan Sarcia ressaq it-tweġiba tiegħu għall-appell tal-attur fit-30 ta' April, 2021, fejn ta r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

12. Inżamm smigħ fid-9 ta' Mejju, 2024, u dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

13. Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Għalkemm mad-daqqa t'għajn l-appell tal-attur jissejjes fuq tliet raġunijiet, fil-verità dawn ir-raġunijiet jistgħu jitqiesu f'daqqa billi lkoll

huma dwar l-apprezzament tal-provi u tar-regolamenti tat-traffiku mwettqa mill-Ewwel Qorti b'rabta mar-responsabbiltà għall-inċident taħt eżami.

15. L-attur appellant fisser kif ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li qieset li ma tressqux provi biżżejjed li juru li l-konvenut wettaq xi manuvri li jistgħu jitfgħu fuqu wkoll xi sehem mill-ħtija għal dak li ġara. L-appellant jisħaq li l-inċident ma seħħx għal xi ħtija jew nuqqas tiegħu, iżda seħħ bi ħtija tal-konvenut. Huwa jfisser kif il-konsiderazzjonijiet żbaljati tal-Ewwel Qorti wassluha sabiex tixħet il-ħtija fuqu.

16. L-attur appellant jislet dawk ir-raġunijiet li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti sabiex waslet għall-konklużjonijiet tagħha li huwa kellu jinżamm responsabbli għall-inċident li seħħ, bħala fatturi l-għala huwa ma kellux jinstab responsabbli għall-inċident: (i) il-manuvra ta' sorpass imwettqa minnu; (ii) il-veloċità li biha kien qiegħed jinstaq il-mutur li kien qiegħed isuq; u (iii) l-għarfien tal-attur waqt is-sewqan.

17. Imbagħad l-attur appellant jgħaddi għat-tieni punt il-għala, fil-fehma tiegħu, il-konvenut appellat kellu jġorr ir-responsabbiltà ewlenija għall-inċident taħt eżami, jiġifieri: (i) in-nuqqas tal-konvenut li jżomm *proper look out* u li jara dak li kien *in plain view;* (ii) il-pożizzjoni minn fejn l-appellat jidher li kien qiegħed idur għal ġot-triq laterali; u (iii) in-nuqqas

tal-appellat li jagħti indikazzjoni ta' fejn kien sejjer u li jagħmel dan fil-mument opportun.

18. Fl-aħħar, u fl-agħar xenarju, l-attur appellant jisħaq li mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ aggravji, meta l-Qrati sabu ruħhom rinfaċċati b'fatti identiċi għal dawk taħt eżami, instab li l-akbar sehem ta' ħtija tiġi mitfugħa fuq dak is-sewwieq li jkun ħati tal-aktar manuvra azzardata, jiġifieri l-element kontributur prinċipali tal-impatt sabiex wassal għall-inċident, li fil-fehma tal-appellant, f'dan il-każ, kienet dik magħmula mill-konvenut. Jinstiltu siltiet mill-ġurisprudenza ta' inċidenti simili fejn ir-responsabbiltà nġarret miż-żewġ sewwieqa sabiex jisħaq li l-Ewwel Qorti żbaljat u kienet inġusta meta qieset li hu kien unikament responsabbli għall-inċident taħt eżami, meta fil-fehma tiegħu, l-appellat kellu jġorr ir-responsabbiltà għal dak li seħħ waħdu jew fl-agħar ipotesi, tinqasam ir-responsabbiltà tal-inċident b'żewġ terzi għall-appellat u terz għall-appellant.

19. Kif wieħed jista' jobsor, meta jkun hemm inċident li dwaru jkun hemm kontestazzjoni dwar ir-responsabbiltà fir-rigward, il-partijiet jagħtu verżjonijiet kontrastanti ta' dak li wassal sabiex seħħ l-inċident. Hekk, sa minn meta ttieħdu l-istqarrijiet mill-pulizija li kien qiegħed jistħarreġ l-inċident, tas-sewwieqa *a tempo vergine,* ingħad mill-konvenut, «*Waqt li kont għaddej minn Luqa Road, għamilt l-indicator biex immur għal ġo triq*

*il-Qasam ta' Speriment, rajt li ma kien ġej ħadd minn naħa t'isfel u minn naħa ta' fuq fejn meta qlajt daqqa ta' mutur fuq in-naħa tal-lemin tiegħu.»* Filwaqt li l-istqarrija li ttieħdet lis-sewwieq tal-mutur, wara li ġie rikoverat l-Isptar kienet: «*Waqt li kont għaddej minn ġo Triq Luqa, Qormi, għad-direzzjoni ta' Ħal Luqa u kont għaddej ma' karozzi peress li kien hemm it-traffic f'daqqa waħda kisret vettura biex tmur ġo side street fejn nixtieq ngħid li ma kellux indicator fejn ma kellix ċans nieqaf u ħbat ma vettura.»*

20. L-attur appellant waqt dawn il-proċeduri xehed li kien hemm ħafna traffiku fil-karreġġjata li minn Ħal Qormi tagħti għal Ħal Luqa, liema triq hija pjuttost wiesgħa. Jixhed li kien qiegħed isuq wara serbut ta' vetturi li kienu qegħdin jinstaqu *stop and go,* u li:

> «5. ***Meta l-vetturi ta' quddiem kienu jieqfu, jien kont insuq fuq in-naħa tal-lemin tal-karreġġata u ċjoè bejn il-vetturi li kienu pożizzjonati fuq in-naħa tax-xellug tiegħi u l-linja medjana. Din il-manuvra għamiltha biss meta l-vetturi ta' quddiemi kienu weqfin; meta l-vetturi reġgħu bdew jinstaqu, jiena erġajt dħalt fil-filliera warajhom.***
>
> *6. Fil-mument illi seħħ l-inċident, il-vetturi fil-karreġġata tiegħi kienu weqfin. Għalhekk kien hemm biżżejjed spazju sabiex ngħaddi minn bejn il-vetturi u l-linja medjana, kif ġa spjegajt, mingħajr ma mmur fuq in-naħa ħażina tat-triq.* ***Meta kont qed inwettaq din il-manuvra, kont qed insuq bil-veloċità baxxa, nikkalkula li kont qed insuq b'madwar għoxrin (20) kilometru fis-siegħa*** *u dan għaliex kont qed naqleb minn first għal second gear kull darba.*
>
> *7. Waqt li kont qiegħed nagħmel din il-manuvra u l-vetturi kienu għadhom weqfin, fid-daqqa u l-ħin ħassejt daqqa ma' sieqi x-xellugija.* ***Din id-daqqa ħassejtha meta wasalt bejn il-bieba u l-mudguard ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-intimat, li wara sirt naf li kienet Mini Cooper. Din il-vettura qabdet u ħarġet minn postha mingħajr ebda indikazzjoni ta' xejn.***

> *8. Mad-daqqa, il-mutur ħareġ minn taħti, jiena għolejt fl-arja u spiċċajt fin-nofs tal-karreġġata opposta u ċjoè dik li tagħti minn Ħal Luqa għal Ħal Qormi.*
>
> *9. Il-vettura misjuqa mill-intimat laqtitni bil-ponta ta' quddiem tan-naħa tal-lemin.»* (enfasi ta' din il-Qorti).

21. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenut Duncan Sarcia, jixhed li l-inċident seħħ fit-Triq Ħal Luqa, ġewwa Ħal-Qormi fil-parti d-dritta tat-triq. Ifisser li fit-triq hemm karreġġjata tiela' lejn Ħal Luqa u oħra nieżla lejn Ħal Qormi u minkejja li t-triq hija wiesgħa u komda fejn karozza ma tgħaddix issikkata, it-traffiku jgħaddi f'*single file*, waħda kull direzzjoni. Dakinhar tal-inċident, it-traffiku kien imwaħħal għal ħin twil, fis-sens li l-konvenut kien qiegħed isuq fuq l-ewwel *gear* u jieqaf, u dan sakemm wasal faċċata Triq il-Qasam Sperimentali, li kienet fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. Il-konvenut ifisser li kif wasal faċċata l-imsemmija triq, huwa xegħel l-*indicator* tal-lemin, peress li ried jidħol f'dik it-triq u kien għadu fuq il-*first gear.* Jiddeskrivi dak li għamel f'dak il-mument, billi jgħid li ħares 'il quddiem fid-direzzjoni ta' Ħal Luqa u mbagħad ħares lura mill-mera, kif ukoll dawwar rasu lejn il-lemin biex jara kienx ġej traffiku minn warajh, iżda kull ma ra kien is-serbut ta' karozzi li kien wieqaf fit-traffiku warajh.

22. Il-konvenut jissokta jgħid li hekk kif qala' sabiex jidħol fit-triq u qabeż in-nofs tat-triq bl-ewwel nofs tal-karozza tiegħu, ħass daqqa mar-rota ta' quddiem tan-naħa tiegħu u ra l-mutur li waqa'. Jispjega li wara l-impatt, il-mutur baqa' jitkaxkar fuq il-karreġġjata tan-naħa l-oħra, sakemm waqaf kif jidher fuq l-iskizz tal-pulizija, filwaqt li l-kaxxa ta' fuq il-mutur

baqgħet sejra għal madwar sebgħin metru u spiċċat ħdejn ir-*roundabout.* Il-ħsara fil-karozza tiegħu kienet tibda minn ħdejn ir-rota ta' quddiem tan-naħa tal-lemin u tibqa' sejra għax-xewka tal-lemin tal-*bumper* ta' quddiem. Jisħaq li meta huwa ħares warajh, waqt li kien wieqaf u qabel ma beda jdur, ra s-serbut tal-karozzi, iżda huwa ma rax il-mutur qabel l-inċident. Mistoqsi taħt kontroeżami, il-konvenut xehed li meta qala' d-daqqa huwa mexa ftit, forsi nofs metru.

23. Miġbura l-verżjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti tqis li kkunsidrat li ma tressqu l-ebda xhieda oħra li setgħu kienu fuq il-post fil-ħin tal-inċident, m'hemmx għalfejn jingħad, li l-attur appellant kellu l-piż mixħut fuqu sabiex jissodisfa lill-Qorti dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru, 2000, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borg v. Elia Attard***, dan l-attur jista' jagħmlu billi jressaq provi diretti jew ċirkostanzjali. Jekk l-attur ma jirnexxilux jagħmel dan, ifisser li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda triq ħlief li tiċħad it-talbiet tiegħu bħala mhux ippruvati. Dan jingħad ukoll peress li l-kawżi ma jiġux deċiżi fuq bażi ta' konġetturi u ipoteżijiet, iżda fuq riżultanzi fattwali li jeħtieġ li jiġu ppruvati u li minnhom trid tiġi determinata r-responsabbiltà tal-konvenut.

24. Meta f'każijiet bħal dan jingħataw verżjonijiet kontrastanti, li ħafna drabi r-rakkont li jingħata dwar kif seħħ l-inċident jew ma jirriflettux il-verità

jew ikun hemm esaġerazzjoni fil-verżjoni mogħtija, bil-għan li tagħti aktar sostenn lill-verżjoni ta' parti fuq l-oħra, provi bħar-rapport tal-pulizija li jkun investiga l-każ u l-iskizz imħejji minnu jikkostitwixxu prova importanti. Hekk, pereżempju, l-iskizz jagħti ideja ċara ta' kif ikunu spiċċaw il-vetturi wara l-impatt, apparti ċirkostanzi oħra importanti fosthom it-topografija tat-toroq fejn seħħ l-inċident (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Mejju, 2006, fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Meilaq v. Etienne Grech***).

25. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, PS 1141 Noel Tanti, jirrepeti l-verżjonijiet li ngħataw mill-partijiet, iżda jisħaq li fit-tħejjija tal-iskizz huwa niżżel u mmarka bil-qies kif sab il-karozza u l-mutur wara li mar fuq is-sit, u li meta jkollu każ ta' xi ħadd li jweġġa' gravi, joqgħod attent aktar mis-soltu, peress li huwa joħroġ iċ-*charges* ta' *grievous injuries* u ħsara involontarja, u b'hekk ikun jaf li jrid jitla' jixhed. Għalhekk ikun irid joqgħod attent iżjed fil-qisien li jieħu, sabiex ikun eżatt (ara paġna 68 tal-proċess). Minn ħarsa lejn l-iskizz, ma tirriżultax il-kaxxa tal-mutur imsemmija mill-konvenut li jingħad minnu li waslet sa ħdejn ir-*roundabout,* filwaqt li l-karozza tal-konvenut tidher angolata u qabżet bin-nofs il-linja medjana tat-triq fejn tirriżulta interrotta peress li tinsab fil-pożizzjoni fejn it-Triq Ħal Luqa tgħaqqad ma' triq oħra. Il-mutur jidher aktar 'il fuq mill-karozza, fil-bokka tat-triq fejn kellha tidħol il-karozza. Dan kollu qiegħed

jiġi ppreċiżat, sabiex fl-eżami tal-ilmenti tal-attur, il-punti imqanqla mill-appellant jitqiesu fil-kuntest ta' dan l-iskizz.

26. Rilevanti wkoll hija s-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' April, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Limited v. Gasanmamo Insurance Limited***, fejn hemm ingħad:

> *«Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***GasanMamo Insurance Limited v. Joseph Caruana****, deċiża fid-19 ta' Mejju, 2021, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) irreferiet għas-sentenza fl-ismijiet* ***Jesmond Bonello v. Giulio Baldacchino*** *(App Ċiv 15.01.1997), fejn il-Qorti qalet hekk: "... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbiltà għall-inċident awtomobilistiku, il-Qorti għandha dejjem tiġġudika a bażi ta' dak li jirriżultalha li kienet il-kawża prossima u immedjata tiegħu u tapplika għalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolament u t-tħaris u l-ksur tagħhom li addebitaw ir-responsabbiltà u mhux l-ekwità u l-ġudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li għandhom jiġu riġidament applikati. Dan biex jiġi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li wieħed jista' jipprevjeni l-inċident.»*

27. Niġu issa għall-ewwel punt imqanqal mill-attur appellant, ċjoè dak dwar il-manuvra ta' sorpass imwettqa minnu. Għalkemm huwa minnu, li kif jingħad mill-appellant, il-manuvra ta' sorpass waħedha hija leġittima u li tista' ssir (basta li tkun magħmula f'waqtha), madankollu tista' tkun manuvra ta' periklu u għalhekk hemm numru ta' regolamenti li proprju jsemmu din il-manuvra u f'liema ċirkostanzi m'għandhiex issir. Hekk insibu r-**Regolament 181 tal-Kodiċi Għat-Traffiku fit-Triq**: «*Qatt taqla' vettura oħra qabel ma tkun ċert li tista' tagħmel dan mingħajr periklu għalik jew għal ħaddieħor.*» Filwaqt li r-**Regolament 184** jipprovdi, fost affarijiet oħra, li m'għandekx taqla' vetturi oħra meta tkun qiegħed

tavviċina triq li tagħqad m'oħra. Mentri fir-**Regolament 185** jingħad li m'għandekx taqla' vetturi oħra meta jkun hemm ħafna vetturi wara xulxin quddiemek jew li meta taqla' vettura oħra jkun perikoluż jew diffikultuż għal dak il-ħin. L-istess jingħad fir-**Regolament 211**, li meta t-traffiku jkun miżmum, qatt m'għandek taqbeż il-*queue* billi tidħol f'mogħdija oħra jew billi taqla' vetturi li jkunu qegħdin jistennew quddiemek.

28. Minn dan kollu jinżel li l-attur ma kienx qiegħed jagħmel sew meta fid-dawl tal-fatt li l-karreġġjata hija waħda wiesgħa beda jagħmel manuvra ta' sorpass billi jaqbeż il-vetturi li kien hemm quddiemu weqfin, billi jgħaddi parallel mal-vetturi li kienu telgħin bil-mod it-telgħa. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Diċembru, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Azzopardi v. Denise Buhagiar***, din il-prassi tal-muturi hija perikoluża, ikkunsidrat ukoll id-daqs u l-konfigurazzjoni tal-vettura tagħhom, huma anqas viżibbli minn karozza u meta joħolqu *flow* tat-traffiku parallel għal dak li jkun għaddej mill-karreġġjata, ikunu qegħdin jirriskjaw li jaħsdu kemm il-vetturi li jkunu sejrin fl-istess direzzjoni, kif ukoll vetturi li għal xi raġuni jkollhom jaqsmu dik il-karreġġjata (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Ray Vella et v. Anthony D'Anastasi***).

29. Kif ingħad drabi oħra, sewwieq li jagħmel is-sorpass għandu jżigura li jkun jista' jibda, ikompli u jtemm il-manuvra bla ma joħloq il-periklu (ara

s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-14 ta' Diċembru, 2006, fil-kawża fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited et noe v. George Zahra***). Hekk ukoll, insibu li mhuwiex għaqli meta wieħed ikun qiegħed jagħmel manuvra ta' sorpass viċin ta' *road junction* jew fejn triq tkun qiegħda tingħaqad m'oħra. Rilevanti f'dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Frar, 2005, fil-kawża fl-ismijiet ***Fogg Limited nomine v. Jesmond Ellul*** fejn hemm ingħad ukoll li b'din il-manuvra jista' jinħoloq ostaklu għal min ikun ħiereġ mit-triq sekondarja (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Cassar v. Edward Ferriggi***).

30. Lil hemm mill-ksur tar-regolamenti hawn qabel imsemmija, din il-Qorti xorta jeħtiġilha tiddetermina f'dan il-każ x'kienet il-kawża prossima li wasslet għall-inċident. Din il-Qorti mhix konvinta li l-attur għamel din il-manuvra ta' sorpass bir-reqqa jew bil-prudenza meħtieġa. L-ewwel raġuni hi li l-attur bl-imġiba tiegħu ma kkunsidrax il-fatt li f'din il-manuvra magħmula minnu, viċin triq li tagħqad m'oħra, kien hemm il-possibbiltà li waħda mill-karozzi ta' quddiemu setgħet tagħżel li tbiddel ir-rotta sabiex tidħol fit-triq sekondarja, kif fil-fatt ġara.

31. It-tieni raġuni hi li din il-Qorti lanqas ma hi konvinta minn dak li jingħad mill-attur, li meta wettaq il-manuvra ta' sorpass, huwa ma kienx qiegħed jaqbeż il-linja medjana jew imur fuq in-naħa ħażina tat-triq. Kif

tajjeb qalet l-Ewwel Qorti, l-iskizz tal-pulizija (ara paġna 79 tal-proċess) huwa prova ċara li meta mar jaqbeż lill-vettura tal-konvenut li kienet qiegħda angolata u lil hinn mill-linja medjana, sabiex sar l-inċident fejn il-konvenut laqat il-mutur, bilfors li l-mutur kien mhux biss qabeż il-linja medjana, iżda saħansitra wasal li jgħaddi min-naħa ħażina tat-triq sabiex poġġa lilu nnifsu (u lil ħaddieħor) fil-periklu. Kif ingħad drabi oħra fil-ġurisprudenza tagħna, «*f'każ ta' dubju, wieħed għandu jiddeżisti milli jagħmel tali manuvra, stante li l-prudenza hija l-bażi tas-sewqan regolat u responsabbli*» (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ġunju, 2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Hugh Zammit nomine v. Keith Farrugia***).

32. Ngħaddu għall-konsiderazzjonijiet dwar il-veloċità li biha kien qiegħed jinstaq il-mutur tal-attur bħala fattur ieħor. Din il-Qorti tifhem id-diffikultà li jista' jkun hemm li jinżamm il-bilanċ u kontroll fuq mutur wara li jseħħ impatt u li wara ħabta jkun aktar għaqli li mutur jitħalla għal riħu sabiex jiġi evitat li s-sewwieq iweġġa' aktar, madankollu f'dan il-każ tħaddan il-fehma tal-Ewwel Qorti, li x'aktarx il-mutur kien għaddej b'veloċità li tisboq l-għoxrin kilometru fis-siegħa. Il-fiżika tabilħaqq tiddetta li b'veloċità baxxa daqskemm l-attur semma, il-mutur x'aktarx kien jegħleb għan-naħa l-oħra meta ntlaqat mill-vettura u mhux jibqa' jitkaxkar aktar 'il fuq fit-triq (kif jidher fl-iskizz tal-pulizija) li saħansitra hija għat-telgħa!

33. Jista' jkun li l-attur inħasad bil-manuvra li għamel il-konvenut li kien ser jikser għat-triq sekondarja, (x'aktarx dan huwa minnu kkunsidrat li lanqas jirriżulta li l-attur applika l-brejk, kif lanqas m'hemm xi sinjal ta' brejk fuq l-iskizz) iżda kkunsidrat li kienu resqin viċin il-post fejn triq tagħqad m'oħra, l-attur seta' jobsor li jkun hemm min irid jagħmel din il-manuvra. Appuntu għalhekk ir-regolamenti jridu li ma jsirx sorpass u jintuża l-*ispeed* f'inħawi simili. Kif ingħad qabel, jekk kemm-il darba l-attur jixli lill-konvenut li kien negliġenti bil-manuvra li għamel, bil-mod kif biddel ir-rotta, jeħtieġ li l-attur iġib prova ċerta ta' dik in-negliġenza, sabiex jikkonvinċi lill-Qorti li kien dan l-aġir li wassal sabiex iseħħ l-inċident, materja li ser tiġi trattata aktar 'il quddiem.

34. F'materja ta' veloċità, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Novembru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Geoffrey Spiteri v. Saviour Galea***:

> *«...kif jindikaw Clerk and Lindsell fil-ktieb "Torts" (Sweet and Maxwell, 2000):*
>
> > *"The personal rule is that the vehicle should be driven at a speed which enables the driver to stop within the limits of his vision particularly having regard to … the time during which he is driving and the state of the road".*
>
> *43. Ġie deċiż mill-Qrati tagħna li l-ispeed eċċessiv jinnewtralizza dak il-margin of safety" tant neċessarju għal kull emerġenza li tista' tinqala' [Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Gaetano Fabri**, Appell Kriminali, 15 ta' Settembru 1962. U **Penza v. Claes** App. Inf. PS 1/11/2006 Citaz. 654/03].*

> *44. Inoltre **speed jista' jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolarment għal dik il-lokalità iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. Sewwieq għandu jimxi bi speed li jkollu f'kull ħin il-kontroll tal-vettura, u għalhekk mhux biżżejjed li s-sewwieq ikun qed isuq bl-ispeed permess mil-liġi** (Ara f'dan is-sens, App. Inf. **Baldacchino v. Harbone** 24/4/08).»*

35. Għalhekk, filwaqt li huwa minnu li l-użu tal-veloċità fiha nnifisha mhux bilfors titqies bħala fattur determinanti għar-responsabbiltà għall-inċident taħt eżami, x'aktarx illi bil-qawwa li kien għaddej l-attur, għalkemm seta' nħasad bil-manuvra tal-konvenut, ma setax iwaqqaf il-mutur minnufih. Dan il-fattur magħdud mal-manuvra tas-sorpass, li kif rajna qabel, saret f'post xejn għaqli, ikkunsidrat ukoll il-prudenza meħtieġa meta wieħed joqrob fejn triq li tagħqad ma' triq oħra, iwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni li dawn il-fatturi flimkien kienu l-kawża prossima li seħħ l-inċident.

36. Fir-rigward tal-aħħar punt, l-appellant jisħaq li huwa ġie mxekkel bil-manuvra li għamel il-konvenut appellant, li jsostni li ħareġ għall-għarrieda mill-pożizzjoni li kien u qata' għad-dritt lejn il-lemin mingħajr ebda indikazzjoni f'post li ma kienx wieħed tajjeb li ssir manuvra bħal dik. L-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ma qisitx din il-kwistjoni.

37. Fuq dan il-punt, jirriżulta mix-xhieda tal-uffiċjal tal-pulizija u mill-iskizz imħejji minnu, li l-konvenut kien qiegħed jixref il-linja medjana u jipponta sabiex jidħol fit-triq sekondarja. Biss però din il-linja medjana f'dik il-medda tat-triq mhix waħda kontinwa li jfisser li tista' tinqabeż. Barra

minn hekk, kien obbligu tal-attur li jipprova li l-konvenut naqas milli jagħti indikazzjoni xierqa. L-attur xehed li l-konvenut ma tax indikazzjoni, filwaqt li l-konvenut xehed li huwa kien għamel użu mill-*indicator* sabiex ifisser il-ħsieb tiegħu li jikser għat-triq sekondarja.

38. Ladarba jibqa' applikabbli l-prinċipju tad-dritt illi min jallega jrid jipprova, jibqa' għalhekk dejjem l-obbligu tal-attur juri għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi kienet il-kondotta żbaljata fis-sewqan tal-konvenut li tat lok għall-impatt, u li allura kienet din l-istess kondotta kolpuża aċċertata li kkaġunat l-event dannuż. Ħaġa li l-attur appellant naqas fiha f'din il-kawża. Mhux hekk biss però, għaliex filwaqt li jeħtieġ li l-attur jagħmel din il-prova, jibqa' mitfugħ fuqu wkoll l-obbligu li juri li hu qagħad għar-regoli tat-traffiku u, fuq kollox, għal dik li hi prudenza ordinarja fis-sewqan tiegħu (ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-11 ta' Frar, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***George Zaccaria Mercieca v. Carmel Camilleri***).

39. Meta nduru għall-każ tagħna, filwaqt li dak li jingħad mill-attur fil-konfront tal-konvenut baqa' ta' natura konġetturali, jirriżulta sew in-nuqqas ta' prudenza tal-attur appellant, li għamel il-manuvra ta' sorpass f'post li ma kienx għaqli li jsir, ġaladarba kien post fejn triq tagħqad m'oħra. Din il-manuvra saret mingħajr mal-attur qies il-possibbiltà li l-vettura l-maqbuża tista' tibdel ir-rotta – huwa f'dan il-kuntest li għandha

tinftiehem l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-attur ma ntebaħx bil-karozza misjuqa mill-appellat.

40. F’dan l-istadju, din il-Qorti se tqis ir-raġunijiet li tressqu mill-appellant l-għala fil-fehma tiegħu l-appellat kellu jġorr ir-responsabbiltà ewlenija għall-inċident. L-ewwel fosthom huwa n-nuqqas tal-appellat li jżomm attenzjoni (*proper lookout)* u li jara dak li kien quddiemu (*in plain view).* L-attur appellant jisħaq il-fatt li l-konvenut appellat jammetti li ma rax il-mutur qabel l-inċident, minkejja li t-triq fejn seħħ l-inċident hija twila u dritta u toffri viżwali tajba. Din, fil-fehma tal-appellant, hija stqarrija ta’ ħtija għaliex minkejja li l-konvenut seta’ u kien mistenni minnu li jara lill-attur isuq il-mutur, iżda dan ma rahx, sinjal li ma kienx attent kif kellu jkun u li ma osservax it-traffiku b’mod sodisfaċenti qabel il-manuvra tiegħu. Dan jista’ jfisser skont l-appellant, li l-konvenut appellat dar lejn il-lemin mingħajr ma ħares lejn dak li kien hemm warajh.

41. L-attur appellant jislet mill-ġurisprudenza l-prinċipji marbuta mal-kunċett li jżomm l-attenzjoni (*proper lookout),* kif ukoll dwar l-obbligu ta’ min ikun isuq li jaqta’ l-linja tat-traffiku, jeħtieġ li jagħmel sinjali tempestivi u li jesplora t-triq sew qabel ma jagħmel dik il-manuvra, kif ukoll każistika ta’ inċident li kellu ċirkostanzi simili għal dak taħt eżami, fejn ġie meqjus li n-nuqqas ta’ żamma ta’ attenzjoni (*proper lookout)* min-naħa tal-konvenut, u l-manuvra li twettqet, tqieset bħala l-kawża prossima tal-

inċident li għalih kellu jġorr ir-responsabbiltà sħiħa, peress li l-attur ma ngħatax ċans jagħmel azzjoni evażiva sabiex jevita l-inċident.

42. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Johnathon Abela nomine v. Maria Spiteri*****,** hija regola ġenerali fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbiltà f'ħabta jew inċident, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri: (a) li jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi); u (b) li jżomm attenzjoni (*proper lookout*) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih (ara wkoll is-sentenzi ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021, fl-ismijiet ***Janette Borg née Ciappara et v. Franġisku Pisani et*** u tas-27 ta' April, 2023 fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Limited v. GasanMamo Insurance Limited***).

43. Tabilħaqq huwa mistenni li sewwieq ta' vettura jrid iżomm "*a reasonably careful lookout",* jiġifieri dak li jara dak li jkun raġonevolment viżibbli. "*Proper look out"* hija ferm aktar milli sewwieq ikun qiegħed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara. Jeħtieġ li s-sewwieq ikun jaf x'qed jiġri madwaru, sabiex ikun jista' jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi ta' madwaru.

44. Għalkemm bla dubju ta' xejn, il-konvenut kellu l-obbligu li qabel ma jagħmel il-manuvra li jdur għal fuq it-triq fuq in-naħa tal-lemin tiegħu kellu «*jnaqqas il-veloċità u jgħasses sewwa fuq it-traffiku ta' warajh billi jħares minn ġol mera»*(**Regolament 196 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq**). Kif ukoll: «*Qabel tkun se tibdel id-direzzjoni, dejjem għandek tagħmel sinjal 'il fejn tkun trid iddawwar u għandek tkun żgur li ma hemm l-ebda periklu billi tħares fil-mera tiegħek. Kun żgur illi l-indicator li juri 'l fejn tkun se ddur jagħti s-sinjal mixtieq*» (**Regolament 199**).

45. Rilevanti wkoll huma r-regolamenti fl-istess **Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq**, applikabbli marbuta mal-għaqda bejn żewġ toroq:

> *«**206**. Kmieni qabel iddur f'għaqda ta' żewġ toroq ara sewwa l-pożizzjoni u l-moviment tat-traffiku li jkun ġej warajk. Uri b'sinjal il-ħsieb tiegħek u, meta ma jkunx perikoluż li tagħmel hekk, ħu l-pożizzjoni xierqa. Stenna sakemm ikun hemm spazju xieraq bejnek u xi vetturi li jkunu ġejjin, qabel ma ddur dawra sħiħa lejn il-lemin.*
>
> ***207**. Kif tkun qiegħed iddur f'għaqda ta' żewġ toroq, ħares lejn il-lemin, imbagħad lejn ix-xellug u lejn il-lemin mill-ġdid. Issuqx qabel tkun żgur li ma hemmx periklu biex tagħmel dan. Toqgħodx fuq is-sinjali mogħtija minn persuni mhux awtorizzati.»*

46. Meta wieħed jaqra x-xhieda tal-konvenut ma hemm xejn li juri li ma qagħadx ma dak li jipprovdu r-regolamenti.

47. Il-fatt li l-konvenut ma rax lill-attur ma jfissirx li l-konvenut naqas milli jżomm attenzjoni. Wara kollox din il-Qorti tqis li kienet l-imġiba tal-attur li jserrep bejn il-karozzi u jimxi fuq in-naħa tal-lemin tal-filliera ta'

karozzi, li saħansitra wasal li jaqbeż il-linja medjana u jimxi fuq in-naħa ħażina tat-triq, li wassal sabiex dan ma nqabadx mill-konvenut meta ħares mill-mera tiegħu. Din il-Qorti ma tqisx li kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-konvenut u temmnu meta xehed li huwa ttawwal kemm 'il quddiem kif ukoll lura mill-mera u saħansitra dawwar rasu lejn il-lemin sabiex jesplora t-traffiku ta' warajh.

48. Sa fejn l-attur appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza oħra, fejn f'każijiet simili s-sewwieq tal-vettura bħal dik tal-konvenut inżamm responsabbli għall-inċident, tajjeb jingħad li kull każ ikun irid jiġi eżaminat fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Dan jingħad ukoll peress li, daqstant din il-Qorti tagħraf li hemm numru ta' inċidenti simili għal dak taħt eżami fejn kien is-sewwieq tal-mutur li għamel il-manuvra ta' sorpass meta dan ma kienx għaqli li jsir, li nżamm responsabbli għall-inċident (ara b'eżempju s-sentenzi ***Ray Vella et v. Anthony D'Anastasi*** u ***Raymond Azzopardi v. Denise Buhagiar*** imsemmija qabel).

49. L-attur jixli wkoll lill-konvenut li kien jaħti għall-inċident, meta titqies il-pożizzjoni minn fejn l-appellat jidher li kien qiegħed idur għal ġot-triq laterali. Filwaqt li l-appellant jirriproduċi l-iskizz sabiex joħroġ il-fatt li l-konvenut kien jinsab parallel mal-*istop sign* fit-triq laterali, jisħaq li huwa evidenti li l-appellat kien qiegħed jaqta' għad-dritt (*cutting the corner)* mentri l-konvenut appellat kellu jitla' aktar 'il fuq sabiex jidħol fit-triq

laterali. L-attur appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisietx dan in-nuqqas tal-konvenut u jagħmel referenza għar-regolament li japplika f'każijiet simili.

50. Huwa minnu li r-**Regolament 157 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq**, jipprovdi li sewwieq għandu jżomm sew max-xellug, barra meta jkun irid jaqla' jew idur fuq il-lemin u li meta jdur kantuniera, għandu jżomm sew fuq in-naħa tiegħu (u allura mhux li jaqta' għad-dritt).

51. Tassew l-uniku nuqqas li jista' jingħad li jirriżulta mill-provi fil-konfront tal-konvenut huwa l-fatt li, mill-iskizz jidher ċar li l-konvenut meta kien qiegħed jibda l-manuvra sabiex jaqsam it-triq u jidħol f'dik sekondarja, x'aktarx li kien qiegħed jaqta' għad-dritt. Għalkemm din il-manuvra taf tkun perikoluża, fid-dawl tal-fatt li jkun qiegħed jaqsam karreġġjata li minnha t-traffiku jista' jgħaddi lejn in-naħa opposta, u speċjalment jekk wieħed isib karozza ħierġa mit-triq sekondarja ma' wiċċu, din il-Qorti tibqa' mhux konvinta li dan in-nuqqas tal-konvenut kien il-kawża prossima tal-inċident taħt eżami.

52. Tajjeb li jerġa' jiġi mfakkar li, mhux kull ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku jew aġir skorrett jew delittwuż minn xi parti involuta f'inċident tat-traffiku jkun neċessarjament relevanti għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà għalih. Il-Qorti għandha fl-indaġni tagħha tfittex x'kienet il-

kawża prossima u mmedjata tal-inċident u jekk il-persuni nvoluti bl-aġir tagħhom kienux direttament ipprovokaw l-inċident jew ikkontribwew għalih (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Jannar, 2002, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Micallef St. John et v. Richard Spiteri et***).

53. Huwa aċċettat li l-fatt li sewwieq ikun kiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi marbuta ma' sewqan ta' vetturi bil-mutur, ma jġibx għal daqshekk biss il-ħtija għall-ħabta li fiha jkun involut. Sabiex wieħed jista' jgħid li sewwieq jaħti għall-ħabta minħabba sewqan traskurat jew negliġenti, irid jintwera li kien tassew negliġenti jew traskurat. Il-ksur ta' regolament tat-triq ma jissarrafx fi prova konklussiva ta' negliġenza jew għar-responsabbiltà tal-ħabta, sakemm ma jintweriex li dak il-ksur kien il-kawża prossima tal-ħabta (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2001, fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana v. Anthony Falzon***).

54. Din il-Qorti tibqa' soda fil-konvinzjoni li kien l-aġir xejn għaqli tal-attur fil-manuvra ta' sorpass li għamel, li wassal għall-inċident.

55. L-aħħar punt li jissemma mill-attur huwa n-nuqqas tal-appellat li jagħti indikazzjoni ta' fejn kien sejjer u li jagħmel dan fil-mument opportun. L-appellant jagħmel ġabra ta' siltiet minn awturi u ġurisprudenza dwar l-importanza li tingħata l-indikazzjoni fil-mument siewi li sewwieq ikun ser

jikser fuq il-lemin sabiex ta' warajh ikunu mgħarrfa dwar il-manuvra li jkun ser jagħmel.

56. M'hemmx dubju dwar l-importanza tal-użu tal-*indicator* meta sewwieq ikun ser jagħmel manuvra li jikser għal ġewwa triq li tagħqad ma' oħra. Dan il-punt mhuwiex ikkontestat. Anzi din il-Qorti tisħaq li l-użu tal-*indicator* huwa ta' siwi kbir biex jitwarrab iċ-ċans ta' inċident. B'sogħba jingħad li ħafna sewwieqa fit-toroq tagħna donnhom jinsew dan u jaħsbu li s-sewwieqa li jkunu qegħdin isuqu warajhom jew biswithom għandhom id-don li jaqraw l-imħuħ tas-sewwieqa li jsuqu quddiemhom jew ħdejhom!

57. Fil-każ tal-lum, l-attur jgħid li l-konvenut naqas milli juża l-*indicator,* filwaqt li l-konvenut jisħaq li huwa għamel użu minnu. Kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, l-attur iwaqqa' l-allegazzjoni li l-konvenut ma kienx tassew xegħel l-*indicator,* meta fl-istess waqt jgħid li ma kienx rah qabel seħħet il-ħabta. Il-pożizzjoni tal-konvenut, kif tirriżulta mill-iskizz, tindika li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet diġà angolata sew lejn it-triq sekondarja.

58. Jekk wieħed joqgħod fuq dak li xehed il-konvenut li bilkemm mexa wara li seħħ l-impatt, jagħmilha diffiċli sabiex wieħed jifhem kif l-attur ma ntebaħx bil-karozza tal-konvenut. Din il-Qorti tiddubita wkoll kemm l-azzjoni tal-konvenut kienet daqshekk għall-għarrieda mingħajr ebda

indikazzjoni, peress li sadanittant il-karozza li kienet eżattament wara l-konvenut ma kellha l-ebda problema tagħraf bil-ħsieb tal-konvenut, u tieħu l-miżuri xierqa u tibqa' għaddejja fi triqitha. Dan ukoll isaħħaħ il-fehma tal-Qorti li kieku l-attur kellu kontroll tajjeb tal-mutur tiegħu, seta' jieqaf jew jieħu l-miżura xierqa u jnaqqas il-veloċità u mhux jipprova jagħmel sorpass fuq in-naħa ħażina tat-triq li wasslet għall-inċident taħt eżami.

59. Jiġi b'hekk li dawk il-punti li l-attur appellant iqis li huma raġunijiet li kellhom inisslu responsabbiltà fil-konvenut, ma jitqiesux validi sabiex jikkonvinċu lil din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti.

60. Lanqas m'għandu raġun għalhekk l-attur appellant fit-tielet aggravju meta jgħid li mill-ġabra ta' ġurisprudenza dwar inċidenti simili, ir-responsabbiltà nġarret miż-żewġ sewwieqa. Jgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat u kienet inġusta meta qieset li hu kien unikament responsabbli għall-inċident taħt eżami, meta fil-fehma tiegħu, l-appellat kellu jġorr ir-responsabbiltà għal dak li seħħ waħdu, jew fl-agħar ipotesi tinqasam ir-responsabbiltà tal-akkadut b'żewġ terzi għall-appellat u terz għall-appellant.

61. Huwa magħruf li n-nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti min-naħa ta' sewwieq wieħed ma teħlisx lill-ġudikant milli jfittex u jivverifika wkoll l-aġir tas-sewwieq l-ieħor. Dan dejjem sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk is-sewwieq l-ieħor kellux responsabbiltà jew xi element ta' kontributorjetà għall-inċident min-naħa tas-sewwieq l-ieħor (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti (Kompetenza Inferjuri) tad-9 ta' April, 2008, fil-kawża fl-ismijiet ***Untours Insurance Agents Limited et v. John Micallef*** u dik tas-17 ta' Novembru, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Marco Buttigieg et v. Rose Cini***).

62. Wara li din il-Qorti għarblet mill-ġdid il-provi fl-atti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti meta qieset li l-attur ma rnexxilux jipprova xi nuqqas min-naħa tal-konvenut li jwassalha għall-konklużjoni li kien il-kawża prossima tal-inċident jew li b'xi mod ikkontribwixxa għall-istess.

63. Ir-responsabbiltà għall-inċident tiġi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh. Kull sewwieq għandu d-dover li jikkordina l-moviment tiegħu mat-traffiku l-ieħor. Il-ħtieġa tal-użu tal-għaqal u l-attenzjoni m'għandha tonqos qatt. Minbarra r-regolamenti, il-prudenza u l-bon sens għandhom jirregolaw is-sewqan. F'dan il-każ, jitqies li n-nuqqas ta' prudenza tal-attur, fil-manuvra ta' sorpass viċin il-post fejn triq tagħqad m'oħra, flimkien man-nuqqas ta' kontroll sħiħ fuq il-mutur misjuq minnu, kienu l-fatturi determinanti li wasslu għall-kolliżjoni li

seħħet u ma jistax jingħad li l-aġir tal-konvenut kien wieħed li jixħet fuqu xi grad ta' responsabbiltà għall-imsemmi inċident.

64. Jinżel b'hekk li l-aggravji tal-attur appellant għandhom jiġu miċħuda billi mhux siewja.

***Decide***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-attur Adrian Galdes u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sħiħ.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-attur Adrian Galdes.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm